ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2024

Talba Nru: CCT135/24/DS

Annmarie Calleja

Vs

International Marine Centre Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-19 ta' Ġunju, 2024 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata tirriżarċiha l-ammont ta' tminn mija u għoxrin Ewro (€820) stante illi l-prodott, u cioe' il-*fridge freezer* mixtrija kienet difettuża ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-10 ta' Lulju, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħha.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti. L-attriċi xtrat *fridge freezer* mingħand is-soċjeta' intimata biex tintuża fuq id-dgħajsa tagħhha. Hija bdiet tesperjenza problemi mill-bidu fejn il-mutur kien qiegħed jibqa' il-ħin kollu mixgħul u kien qiegħed ikun hemm *condensation* fuq il-*fridge freezer* u dan ikkawża problema fid-*display*.

Is-soċjeta' intimat tikkontendi illi dawn il-problemi huwa riżultanti mill-fatt illi l-attriċi poġġiet il-*fridge freezer* fi spazju ristrett fejn il-ventilazzjoni tagħhha ma kienetx waħda tajba. Hija qalet illi meta hija provat il-*fridge freezer* fil-kundizzjonijiet illi huma idonei għaliha, b'ventilazzjoni tajba ma kienx hemm *condensation* u ħadmet perfettament pero' meta kien hemm ostakolu għall-ventilazzjoni preżentaw ruħhom il-problemi li tkellmet dwarhom l-attriċi. Hija saħqet illi l-attiċi dejjem qaltilha li kienet iżżomm il-*fridge freezer* fi spazju taħt is-sodda għalkemm waqt il-kawża dan ċaħditu u qalet li kienet tinżamm fuq xkaffa fuq l-imsemmija sodda.

Ta min jgħid f'dan il-punt illi l-attriċi għamlet it-talba tagħha fuq *fridge freezer* li kienet inbidlet mal-waħda originali fit-30 ta' Mejju, 2023 liema kienet qiegħda tirriskontra problemi simili. Infatti fix-xhieda tiegħu Gordon Calleja jgħid '*Il-freezer il-ġdida qed nirriskontraw l-istess problemi u cioe' li l-mutur il-ġin kollu jixgħel.*' Jidher għaldaqstant illi l-problema ma kienetx tal-*fridge freezer* partikulari iżda kienet aktar problema naxxenti mill-ambjent illi fih kienet qiegħda tinżamm.

Dan it-Tribunal jinnota illi skont il-*user manual* ta' din il-*fridge freezer* f'paġna 18 din hija waħda tajba għal biex tintuża fuq '*pleasure craft*' u għaldaqstant ma hemmx kwistjoni illi din ma kientx *fridge freezer* magħmula għall-fuq id-dgħajjes. Jinnota wkoll illi fl-istess *user manual* paġna 18 hemm imniżżel illi '*For this refrigerator there is no built-in installation. Ensure that the ventilation grilles are completely unobstructed.*" Mir-ritratti ppreżentati ma jidhirx illi l-pużizzjoni ta' din il-fridge freezer kienet eżattament mingħajr ostakoli fejn hemm il-ventilation grilles għaliex kien hemm affarijiet oħra mpoggija ma ġenbha. Lanqas jista' jingħad illi din kienet qiegħda free standing għaliex kienet tpoġġiet fuq xkaffa. F'dan il-punt ma tantx tagħmel differenza jekk hux xkaffa fuq is-sodda jew taħtha għaliex il-fatt illi tinsab fuq xkaffa ifisser illi żgur m'hijiex *free standing* kif kienet magħmulha li tkun ġaladarba ma kienetx magħmula biex tkun *built-in*. Dunstan Mifsud Gerada fix-xhieda tiegħu jgħid ukoll illi mir-ritratti li kien muri jgħid li seta' jara li 'kienet magħluqa mill-ġnubu minn wara bil-panelling u miftuħa minn quddiem'. Huwa jgħdi ukoll illi ma setgħax jikkonstata fejn kienet impoġġija l-*fridge freezer* mir-ritratti.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal huwa konvint illi l-problema m'hijiex il-*fridge freezer* iżda l-pużizzjoni li fiha qiegħda titpoġġa stante illi din hija *fridge freezer* li suppost tkun *free standing* mingħajr ostakolu għall-ventilazzjoni u mhux qiegħda

tintuża b'dan il-mod. Infatti meta qiegħda titpoġġa f'ambjent kif suppost tkun ma jkunx hemm problemi u lanqas kien hemm problemi bl-ewwel *fridge freezer* meta din tpoġġiet *free standing*. Għaldaqstant, dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Illi t-Tribunal mhux ser jidhol fl-*issue* tad-*display* għaliex is-soċjeta' attriċi ġabet id-*display unit* u kull ma jrid isir huwa arrangament sabiex jitwaħħal. Dan id-*display* tħassar konsekwenza tal-*condensation* minħabba l-ippużizzjonar ħażin tal-*fridge freezer* u s-soċjeta' intimata m'għandhiex titpoġġa f'pużizzjoni daqs li kieku dan kien difett tal-*fridge freezer* għaliex huwa ħsara minħabba użu ħażin tal-prodott. Għaldaqstant, għal darb'oħra dan it-Tribunal ma jarax illi hemm xi raġuni valida biex tiġi akkolta t'talba tal-attriċi minħabba din il-ħsara.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attriċi.

Bl-ispejjes kontra l-istess attriċi.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru